**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru 2020

Rikors Numru: 29/09 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

*Illi l-kontendenti żżewwġu is-7 ta' Mejju, 1995.*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal L li għandha seba' (7) snin u M li għandu tlett snin (3).*

*Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ġiet resa impossibbli minħabba li l-intimata rrendiet ruħha ħatja t' adulterju, inġurji gravi, theddid, sevizzi, eċċessi u minaċċi u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment.*

[1] Fol. 1.

*Illi l-kontendenti ġew awtorizzati jipproċedu bis-separazzjoni skont digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan wara ma ntlaħaq l-ebda ftehim waqt il-proċeduri ta' separazzjoni.*

*Talab lill-konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddeċiedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B għat-tortijiet imputabbli lill-konvenuta li rredniet ruħha ħatja ta' adulterju, inġurji gravi, theddid, sevizzi, eċċessi u minaċċi, tant li għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment;*

2. *Takkordalu l-kura u kustodja tal-minuri L u M;*

3. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;*

4. *Tillikwida, taqsam u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;*

5. *Tillikwida l-assi parafernali tal-partijiet;*

6. *Tassenja lill-partijiet sehemhom mill-kommunjoni tal-akkwisti, kif fuq maqsum, kif ukoll l-propjeta' parafernali;*

7. *Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mill-Artikoli tal-Kodiċi Ċivili numru 48 u 49 jew min minnhom applikabbli.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepixxiet:

1. *Illi fl-ewwel lok, filwaqt li huwa minnu li hija ndkata u rikjesta s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti, mhu minnu xejn illi tali separazzjoni tista' titqies li ġiet preċipitata b' riżultat tal-ħtijiet li qiegħed jallega l-attur fil-konfront tal-esponenti. Kien l-istess attur illi bir-rapporti intimi li kellu ma' terzi minbarra l-komportament vjolenti tiegħu wassal biex iż-żwieġ tal-partijiet jitfarrak b'mod irrimedjabbli.*

---

[2] Fol. 52.

2. *Illi, riferibbilment għat-tieni talba tal-attur, jingħad li l-attur m'huwiex il-persuna idoneja li jista' jkollha l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet. Hawnhekk ukoll, l-attur ġab ruħu b'mod li setgħet ġiet sfrattata għal-kollox il-ħajja tal-ulied.*

3. *Illi, riferibbilment għat-talbiet tal-attur li jirrigwardaw il-beni tal-partijiet, sew dawk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll dawk parafernali, l-esponenti taqbel illi għandhom isiru l-likwidazzjoni, id-diviżjoni u l-assenjazzjonijiet opportuni. L-esponenti tgħid illi dan għandu jsir fid-dawl tal-ħtijiet tal-attur li kif ingħad wasslu għat-tifrik taż-żwieġ.*

4. *Illi, riferibbilment għas-seba' talba tal-attur, jingħad li ma hemm l-ebda bażi kwalsiasi fil-fatt u fil-liġi li tiġġustifika din it-talba; u li kif ser jiġi pruvat id-dekadenza li qed jintalab li tiġi applikata fil-konfront tal-esponenti għandha effettivament tiġi applikata fil-konfront tal-attur.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba[3] tal-konvenuta li permezz taghha ippremettiet:

1. *Illi l-ħajja taż-żwieġ bejn il-partijiet kontendenti tfarrket b' mod irrimedjabbli b' riżultat tal-adulterju imwettaq minn żewġ l-esponenti kif ukoll b' riżultat ta' eċċessi u nġurji gravi da parti tiegħu.*

2. *Illi kien għalhekk li fl-1 ta' Frar, 2008, l-esponenti ressqet it-talba tagħha biex tiġi awtorizzata li tgħaddi għas-separazzjoni personali minn żewġha; iżda kull tentattiv biex l-istess separazzjoni isseħħ konsenswalment ġiet imblukkata mir-raġel.*

3. *Illi għal raġunijiet diversi, mhux lanqas il-propensita' li għandu żewġ l-esponenti għal atti ta' vjolenza, kif ser jiġi pruvat, ir-raġel għandu jiġi eskluż definittivament milli jirrisjedi fid-dar taż-żwieġ, u jkun fl-aħjar interess tal-ulied minuri tal-partijiet, L u M, li jiġu fdati fil-kura u l-kustodja tal-esponenti.*

*Titlob lill-attur rikonvenzjonat għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

---

[3] Fol. 54.

1. *Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti għar-raġunijiet imputabbli lil żewġ l-esponenti kif fuq spjegat, u għall-finijiet tal-artikolu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta huwa għandu jkun kunsidrat li kien ħati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tgħix separata minn żewġha;*

3. *Tikkundanna lill-istess attur rikonvenzjonat sabiex iħallas lill-esponenti, għaliha u għall-ulied minuri tal-partijiet fuq imsemmija, dik ir-retta alimentarja xierqa li tiġi ffissata minn din il-Qorti, jew jekk hekk jidher xieraq lil din il-Qorti tordnalu jħallas lill-esponenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-esponenti tkun tista' tiffinanzja l-bżonnijiet tagħha u dawk ta' uliedha;*

4. *Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);*

5. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, u tordna li l-beni formanti parti mill-istess komunjoni jiġu diviżi kif jiġi ordnat minn din il-Qorti fid-dawl, 'inter alia', tal-ħtijiet għat-tifrik taż-żwieġ, billi għall-finijiet ta' din it-talba jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba, nutar biex jirċievi l-att opportun, u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att;*

6. *Tordna illi d-dar taż-żwieġ tiġi okkupata esklussivament mill-esponenti flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet:*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ta' l-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta,[4] li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponent jaqbel illi s-separazzjoni personali bejniethom għandha tiġi awtorizzata, iżda dan minħabba raġunijiet*

[4] Fol. 60.

*imputabbli lill-intimata, li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, eċċessi, moħqrija, sevizzi u inġurji gravi.*

2. *Hemm qbil fuq it-tieni kontro-talba tal-intimata.*

3. *Dwar it-tielet talba, l-esponent qiegħed jinsisti li għandu jingħata l-kura u kustodja tal-minuri u dan għaliex l-intimata mhix omm responsabbli u minflok tkun mat-tfal toħroġ ma' terza persuna u t-tfal ikunu iktar għand ommha. Fi każ li dina l-Qorti taċċetta t-talba tal-intimata għandu jkun hemm ordni għall-ħlas ta' manteniment għall-minuri u dan minħabba li s-separazzjoni seħħet tort tal-intimata. Inoltre, l-esponent ma jaqbilx illi l-manteniment għandu jitħallas jew totalment jew in parti bħala somma globali.*

4. *Ma jaqbilx mar-raba' talba.*

5. *Jaqbel illi għandha ssir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwsiti, b'dana pero' li l-esponent dejjem jingħata d-dritt tiegħu li jżomm il-propjeta' parafernali tiegħu.*

6. *Ma hemmx qbil fuq is-sitt talba, peress illi kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u trattazzjoni tal-kawża, ma kienx hemm vjolenza jew aggressjoni da parti tal-esponent sabiex jiġġustifika li jiġi żgumbrat mid-dar matrimonjali, anzi l-esponent jinsisti li se mai għandha tiġi żgumbrata l-intimata, stante l-adulterju tagħha, kif ukoll peress li l-istess dar matrimonjali, hija parafernali għall-esponent.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarju Dottor Nadia P u l-Perit Legali Dottor Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Abigail Critien, debitament maħluf nhar id-9 ta' Mejju 2019;[5]

---

[5] Fol. 1579.

Rat it-trattazzjonijiet finali taz-zewġ partijiet;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attur" u għal C B bħala l-"intimata" u/jew il-"konvenuta", u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

Il-Qorti tirrileva illi l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern.

Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha u dan partikolarment fid-dawl tad-domandi in eskussjoni u t-trattazjonijiet finali.

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment, għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenuta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur u n-nota ġuramentata li permezz tagħhom l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din

[6] Fol. 1712.

għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, inġurji gravi, theddid, sevizzi, eċessi u minaċċi;

2. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 u 49 tal-Kodiċi Ċivili, jew liema minnhom;
3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja u l-manteniment għall-ulied minuri L u M, aħwa B;
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
5. Tillikwida l-assi parafernali tal-attur u tassenja l-istess lilu.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, illi permezz tagħha l-konvenuta rikonvenzjonata titlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attur minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom adulterju, eċċessi, inġurji gravi, filwaqt li tawtorizza lil konvenuta tgħix separatament minn zewġha;
2. Tapplika kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;
3. Tordna lill-attur iħallas manteniment għall-konvenuta u għal minuri;
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
5. Tawtorizza lill-konvenuta sabiex tabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attur.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija tal-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

### 2.1. *Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta*

L-attur jispjega fl-affidavit tiegħu li mill-bidu taz-zwieġ tagħhom il-partijiet bdew jippruvaw sabiex ikollhom familja. Ftit taz-zmien wara z-zwieġ tagħhom, twieldet L. L-attur jispjega li martu bdiet traqqad lil binthom magħhom fis-sodda u meta bdiet tikber l-attur beda jinsisti li l-minuri kellha tidħol torqod fil-kamra tas-sodda tagħha. Madanakollu l-konvenuta ma rieditx taf u konsegwentament ir-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet bdew jonqosu. Dan l-aġir kompla meta twieled M, fejn l-attur jgħid li l-konvenuta kompliet tinqata' iktar minnu hekk kif iz-zewġ minuri spiċċaw jorqdu flimkien mal-ġenituri fis-sodda matrimonjali. Għaldaqstant l-attur jispjega li minħabba tali insistenza da parti martu li traqqad lil minuri magħhom fis-sodda u dan għaliex skontha dawn kienu jibku, l-attur safa' sabiex mar jorqod fl-*ispare bedroom.*

Wara li l-partijiet kellhom lil minuri, l-attur jikkontendi li l-konvenuta kienet saret taħtfu iktar minn qabel. Il-konvenuta kienet ukoll tordnalu u tikkmandah jagħmel numru ta' affarijiet u sussegwentament kienet tikkritikah għaliex skontha kien jagħmel kollox ħazin. L-attur jgħid ukoll li martu bdiet ukoll tgħajru bl-apparenza u li zbaljat meta zzewġitu. Il-konvenuta hija persuna li ma tantx turi affezzjoni u kienet tirrifjuta li toħroġ bħala familja għaliex qatt ma kien ikollha aptit.

Minħabba l-problemi li l-partijiet kellhom fiz-zwieġ, l-attur beda jiftaħ qalbu ma' ċertu S P. Jispjega li darba minnhom kien iltaqa' ma' din il-mara u martu saret taf b'din il-laqgħa ma' mara oħra għaliex oħt il-konvenuta kient rat lill-attur magħha. L-attur jispjega li bejnu u S P kien hemm ħbiberija biss, izda l-konvenuta ma kienetx konvinta u kienet perswaza li l-attur kellu relazzjoni extra-matrimonjali. L-attur kien wiegħed lil martu li ma kienx ser jitkellem jew jiltaqa' ma' S P u dan għaliex ix-xewqa aħħarija tiegħu kienet li jsalva z-zwieġ. Madanakollu l-konvenuta xorta waħda ma bdietx temmen lill-attur u bdiet tagħmillu l-għassa.

Maz-zmien l-attur jgħid li l-konvenuta saret insapportabbli għaliex daħlitha f'moħħha li l-attur kellu relazzjoni. Fil-fatt jirrakkonta li kien hemm drabi fejn l-attur telaq mid-dar f'nofs ta' lejl għaliex ma setgħax jissapporti iktar lil martu. Minkejja t-tensjoni ġewwa d-dar, l-attur beda jinnota li martu bdiet

izzomm ruħha iktar minn qabel u kienet persistenti li jkollhom rapport intimi ħafna iktar sikwit. Fil-fehma tal-attur, il-konvenuta *"riedet taghmel kollox meta dehrilha u hassejtni qed nigi uzat, u ma kien hemm ebda romanicizmu"*. Barra minn hekk l-aġir tal-konvenuta kompla jiggrava fejn bdiet tgħajjar lill-attur *"aħdar, zibel, nittien, hamallu"* u dan saħansitra quddiem it-tfal stess. Konsegwentament f'Novembru tal-2007 is-sitwazzjoni bejn il-partijiet ggravat ferm u l-konvenuta ma bdietx issajjar u taħsel il-ħwejjeġ tal-attur. L-attur jgħid li l-konvenuta kien moħħha li toħroġ u tirritorna lura d-dar tard bil-lejl. Jekk l-attur kien jipprova jikkuntatjaha, din ma kienetx tirrispondi. L-attur beda jissuspetta li l-konvenuta kellha relazzjoni extra-matrimonjali u dan anke' fid-dawl tal-fatt li r-relazzjonijiet intimi naqsu drastikament f'daqqa waħda.

Minn verifiki li għamel l-attur rrizulta li għax-xahar ta' Diċembru 2007, il-konvenuta kellha mija u sittin (160) messaġġ u tlett (3) telefonati għal u minn għand in-numru ċellulari 99443734, liema numru kien jappartjeni lil ċertu R D. L-attur pprova jċempel fuq dan in-numru u meta kkonfronta lil R D dwar kif jaf lil konvenuta, dan qata' t-telefonata u wara tlett (3) ijiem dan in-numru ċellulari ma baqgħax jintuza iktar. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu, l-attur jiddikjara li l-konvenuta ma tiffrekwentax biss lil Rmond izda ukoll numru ta' irġiel oħra, u ċjoe' ċertu Alex, Brian u Mark. Magħdud ma' dan, l-attur jikkontendi ukoll li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' J Q.

Min-naħa l-oħra l-attur jinnega illi dan kien parteċipi f'xi *chatting* ma' nisa oħra. B'referenza speċifika għall-*printouts* tac-*chats* ezebiti mill-intimata, l-attur jgħid illi ma kienx involut. Il-konversazzjoni ta' din ic-*chat* qiegħda bejn 'A' u 'S', madanakollu l-attur jinnega illi l-persuna msemmija bħala 'A' huwa hu nnifsu u li 'S' hija l-istess persuna li semma' li jiftaħ qalbu magħha.

### *2.2. <u>Verzjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur</u>*

Il-konvenuta tispjega li wara ftit taz-zmien li kienu għadhom kif izzewwġu, kienet sabet lil attur fuq is-sufan ma' kuġintu, fejn l-attur kien biz-zip tal-qalziet imnizzel. Barra minn hekk, l-attriċi tagħti ukoll rendikont ta' kemm-il darba raqdet barra mid-dar, li l-Pulizija ġew imsejħa kemm-il darba d-dar tagħhom rigward swat fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, u li tort ta' zewġha li din illum tinsab b'dizabilita' meta dan tela' bilwieqfa fuqha.

Konsegwentament tgħaddi sabiex tgħid illi oħtha kienet infurmata li kienet rat lill-attur fil-vettura tiegħu ma' mara oħra. F'dak iz-zmien partikolari, l-attur kient idum ma' jmur lura lejn id-dar. Wara li skopriet li zewġha kien ma' mara oħra, kienet fetħet il-*computer* ta' zewġha li kien juza għax-xogħol u sabet numru ta' *chats* bejn l-attur u nisa oħra, inkluz 'S'. Il-konvenuta tispjega li ħadet kopja ta' dawn ic-*chats* billi għamlet *copy and paste* u pprintjat kollox. Appena l-attur ġie rinfaċċjat b'dawn ic-*chats* minn martu, din tal-aħħar tgħid li l-attur kien sabbat waħda fuq il-*computer* b'tali mod li llum ma tistgħax tikseb iktar *chats* izda tispjega ukoll li l-*hard drive* tal-istess *computer* tinsab fil-pussess tagħha. Għalhekk il-konvenuta tikkontendi li ilha tissaporti dan l-aġir da parti zewġha.

Magħdud mal-premess, il-konvenuta tkompli billi tgħid li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom naqsu u dan għaliex l-attur kellu wiċċ ħaddieħor. Fil-fehma tal-konvenuta, kien għalhekk li l-attur kien telaq jorqod fl-i*spare bedroom* sabiex ikun waħdu u jagħmel uzu mill-*computer*. Madanakollu u sussegwentament li l-konvenuta skopriet dwar ir-relazzjonijiet adulteri tal-attur, din ma rieditx ikollha iktar rapport intimi mal-attur stante li ma kienx hemm iktar fiduċja u kif ukoll sabiex ma terġax taqbadha xi infezzjoni bħalma kien ġralha qabel. Min-naħa l-oħra l-konvenuta tgħid li ma kellhiex relazzjonijiet ma' irġiel oħra u tinnega ukoll li qatt kellha relazzjoni mal-Pulizija J Q, izda tammetti li kellha ċ-ċavetta tad-dar tiegħu.

Nelfrattemp il-konvenuta tgħid li kienet soġġetta għal tgħajjir bħal *'ħoxna, kerha u qaħba'*. Tgħid ukoll li ma kienux imorru f'ristoranti għaliex ma kienx ikun irid l-attur u b'hekk kienu jispiċċaw jixtru *take-away* u jieklu fil-karozza.

Sabiex tikkorrabora l-verzjni tagħha, l-konvenuta tipproduċi x-xiehda ta' oħtha Y X.[7]

### 2.3. <u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

#### 2.3.1. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>

[7] Fol. 312.

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson,**[8] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[9] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[10] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta*

---

[8] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[9] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[10] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[11] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. J Tabone**,[12] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[13]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[14]

*2.3.2. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[15] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[16].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[17] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

---

[11] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[12] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[13] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[14] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[15] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[17] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

### 2.3.3. *Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attur jikkontendi li z-zwieġ tiegħu falla stante adulterju da parti l-konvenuta, u minħabba li kienet titrattah hazin u b'mod negattiv. L-attur jgħid li kien beda jaqsam u jitkellem dwar il-problemi maritali tiegħu ma' ċertu S P, li fil-bidu jgħid li kienet kollega tiegħu fuq *accounts* u sussegwentament ibiddel il-verzjoni u jgħid li kienet klijenta. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tgħid illi z-zwieġ tagħha falla b'mod partikolari minħabba l-adulterju da parti zewġha, b'mod partikolari ma' ċertu 'S' u l-kliem dispreġġattiv li kien juza fil-konfront tagħha.

Wara evalwazzjoni tal-atti proċesswali u fir-rigward l-allegazzjonijiet ta' relazzjonijiet adulteri da parti l-partijiet fil-konfront tagħhom stess, il-Qorti tinsab konvinta li l-attur verament kellu relazzjoni extra-matrimonjali, filwaqt li fir-rigward tal-konvenuta ma hemm xejn li jikkonferma li kellha relazzjoni adultera ukoll waqt li l-partijiet kienu għadhom qegħdin jgħixu bħala familja taħt saqaf wieħed.

Fir-rigward tal-adulterju tal-attur, il-Qorti temmen li l-attur kellu relazzjoni adultera ma' ċertu 'S'. F'dan ir-rigward il-Qorti pjenament taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Perit Legali u ċjoe' li r-relazzjoni in kwistjoni tista' tiġi kkonfermata permezz: (i) tal-fatt li l-persuna li l-attur jikkonferma li kien jiftaħ qalbu magħha kien jisimha 'S P',[18] (ii) il-fatt li l-attur mhux kredibbli li jinsa' l-kunjom ta' S hekk kif rinfaċċjat bil-*print outs* tac-*chats*,[19] (iii) il-fatt li l-attur mhux kredibbli li jinsa kif iltaqa' ma' S P u ċjoe' jekk hux bħala kollega li kienet toħodlu ħsieb xi *accounts*[20] jew bħala klijenta tiegħu,[21] (iv) il-fatt li l-attur oppona bis-saħħa għax-xiehda ta' S P u kien biss fuq teknikalita' legali li tali xhud ma xehditx – pero' l-fatt li S P ġiet inġunta

---

[18] Fol. 272.
[19] Fol. 375.
[20] Fol. 272.
[21] Fol. 375.

f'indirizz preċiż juri li l-intimata qiegħda taċċenna għal persuna partikolari u identifikabbli, (v) iċ-*chat* li ġiet ippreżentata fl-atti li l-attur stess jikkontesta pero' l-intimata li hija konsistenti fix-xiehda tagħha tgħid li hi kapaċi tagħmel *copy and paste* u fil-verita' tali *chat* tidher li hekk hi,[22] (vi) iċ-*chat* innifisha turi li kien hemm relazzjoni mhux biss sesswali bejn 'S' u 'A', izda relazzjoni ta' mħabba fejn ssir referenza ukoll għall-affarijiet li qalu bejniethom li tikkorrabora dik il-parti tax-xiehda tal-attur fejn jgħid li kien jiftaħ qalbu ma' din S, (vii) il-fatt li hemm xhud li ra lill-attur ma mara oħra.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tirrileva li l-attur ma kienx kredibbli fi kliemu u pprova jgħawweġ il-verita' hekk kif rinfaċċjat bi prova inekwivoka li tistabbilixxi iswed fuq abjad ir-relazzjoni extra-matrimonjali li kellu u/jew li għad għandu ma' S P. Madanakollu mill-atti proċesswali ma huwiex possibbli li jiġi ppreċizat iz-zmien meta bdiet ir-relazzjoni bejn l-attur u S P. Mix-xiehda ta' Y X joħroġ illi din rat lill-attur ma' mara oħra fil-vettura tiegħu fil-perjodu meta t-tifel tal-partijiet kien għadu zgħir. Għalkemm tali xhieda tikkorrabora l-fatt li l-attur ma kienx fidili lejn martu, xorta waħda ma tikkonfermax jekk il-mara li kien hemm fil-vettura dakinhar kienetx proprju S P jew mara oħra.  Għaldaqstant ma hemmx dubju f'għajnejn il-Qorti illi l-attur huwa ħatji ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili u fil-fehma tal-Qorti huwa proprju stante tali adulterju li z-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli. L-adulterju da parti l-attur kien proprju l-funditus tal-kwistjoni odjerna.

Minkejja l-premess, il-Qorti madanakollu tevalwa li fil-konfront tal-konvenuta, ma hemm xejn li jikkonferma li waqt li kienet għadha qiegħda tgħix ma' zewġha bħala familja, din kellha relazzjoni adultera ukoll. Jibda sabiex jingħad illi għalkemm l-attur jallega li martu kellha relazzjonijiet adulteri ma' numru ta' rġiel waqt li kienu għadhom jgħixu flimkien, l-attur ma rnexxilux jipprova li l-konvenuta verament kellha relazzjoni adultera minħabba liema z-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. Għalkemm l-attur jinsisti li f'perjodu partikolari l-konvenuta inbidlet fis-sens li bdiet izzomm ruħha, dan ma ġiex ikkorraborat anzi ġie nnegat mill-konvenuta stess. Magħdud ma' dan, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-allegazzjoni tal-attur li martu kellha relazzjoni ma' ċertu R D li kellu n-numru ċellulari 99443734, liema allegazzjoni qatt ma ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi. L-attur kellu kull opportunita' li jressaq xhieda rilevanti

[22] Fol. 328-346, 375.

sabiex jixhdu dwar in-numru ċellulari in kwistjoni, il-frekwenza ta' messaġġi u telefonati, u l-identita' tal-persuna li kellha dan in-numru ċellulari, li magħha l-konvenuta allegatament kellha relazzjoni. L-attur kellu ukoll il-fakolta' li jressaq bħala xhud lill-istess R D, izda dan baqa' ma sarx u b'hekk il-Qorti ma tistgħax temmen tali verzjoni da parti l-attur.

Madanakollu mill-atti proċesswali jirrizulta u dan minn dikjarazzjoni tal-Pulizija J Q (PC 627),[23] illi mill-2009 huwa kien beda relazzjoni mal-konvenuta, liema relazzjoni damet għal sena u nofs. Fl-istess xiehda J Q jiddikjara li r-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta ma kienetx waħda platonika, izda kienet tinvolvi rapport intimi. Madanakollu, l-konvenuta tinnega li hi qatt kellha relazzjoni mal-istess J Q, izda ssostni li bejniethom kien hemm sempliċiment ħbiberija. Tispjega li meta marru *weekend break* flimkien huma kienu ħbieb u marru bit-tfal tagħhom. Barra minn hekk tammetti li għalkemm huma ħbieb, hi kellha fil-pussess tagħha ċ-ċavetta tad-dar ta' J Q. Il-Qorti ssib il-verzjoni tal-konvenuta inversimili f'dan ir-rigward u ma tinsabx konvinta li r-relazzjoni ta' bejn il-konvenuta u J Q kienet waħda platonika. Din ir-relazzjoni bdiet fis-sena 2009 u ċjoe' l-istess sena li fiha nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni quddiem din il-Qorti. Għaldaqstant, għalkemm iz-zwieġ tal-partijiet tkisser *primarjament* minħabba r-relazzjoni adultera tal-attur, il-Qorti għandha dikjarazzjonijiet ġuramentati li sussegwentament il-konvenuta ukoll bdiet relazzjoni extra-matrimonjali ma' J D waqt li kienet separata *de facto* minn ma' zewġha u ftit taz-zmien wara li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Rita Busuttil pro et noe vs Rmond Busuttil**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn ġie ritenut illi: *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka hames snin wara s-separazzjoni de facto, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-*

[23] Fol. 392.

*tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien".*

Il-Qorti tinsab tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-kaz odjern fil-konfront tal-konvenuta u dan għaliex wara s-separazzjoni *de facto* tagħhom, bdiet relazzjoni extra-matrimonjali u b'hekk kompliet telimina kull possibilita' li l-partijiet jirranġaw u jkomplu bil-ħajja matrimonjali tagħhom flimkien, hekk kif kienet għamlet fil-bidu taz-zwieġ tagħhom meta sabet lil zewġha ma' kuġintu fuq is-sufan.

Fit-trattazjonijiet finali, l-intimata tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Bugelli vs Josephine Borg gja Bugelli**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Marzu 1996. Din il-Qorti madanakollu tirrileva li tali sentenza għandha ftit li xejn vertenza għall-kaz odjern stante li l-kaz ta' Bugelli jitratta proprju *"l-attur appellat qiegħed sempliċiment jitlob li jiġi ezonerat mill-obbligu li jkompli jmantni lil martu, obbligu impost fuqu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali konsenswali tat-22 ta' Diċembru, 1993, liema talba qed issir fuq il-motiv ta' adulterju ta' l-appellanti, sopravvenut għal dak il-kuntratt"*. B'hekk il-kaz msemmi mill-intimata ma jiffukax dwar separazzjoni ppronunzjata minn Qorti kompetenti izda separazzjoni konsenswali *ex contractu,* fejn l-implikazzjonijiet huma ferm differenti għaliex hekk kif ġie ritenut għal diversi snin mill-Qrati tagħna, hemm differenza bejn kwistjonijiet li ġew maqbula u rizolti mill-partijiet infushom bonarjament, u dawk il-kwistjonijiet li ġew rizolti u imposti mill-Qorti hekk kif dehrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.[24]

Flimkien mal-premess, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma allegawx biss il-kwistjoni ta' adulterju izda ukoll allegazzjonijiet oħra, u ċjoe', l-attur jallega li l-konvenuta kienet titrattah ħazin, torndalu u tikmandah, filwaqt li l-konvenuta tallega li zewġha kien jgħajjarha u jitrattaha ħazin. Il-Qorti tevalwa li fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur, dan tal-aħħar ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkorrabora dak vantat minnu u ċjoe' li l-konvenuta kienet verament titrattah ħazin. Min-naħa l-oħra, l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li zewġha kien jgħajjarha. Madanakollu l-Qorti tevalwa sentenza esebita fl-atti fl-ismijiet **Pulizija vs A B**, deċiza nhar it-8 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati Malta (Ġudikatura Kriminali), fejn l-attur instab ħati talli: (i) naqas milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-

[24] Ara s-sentenzl fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' April 2004, u **Saviour Galea vs Carmela Galea**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Jannar 2016.

Qorti fid-digriet tagħha ta' nhar it-12 ta' Frar 2009, (ii) talli kiser ukoll xi projbizzjoni jew restrizzjoni li jersaq lejn id-dar matrimonjali u, (iii) talli ukoll bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil konvenuta biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna jew il-proprjeta' tagħha, jew kontra xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet. Permezz ta' din is-sentenza l-attur ġie kkundannat ħabs effettiv ta' xahar. In vista tal-fatt li l-akkuzi miġjuba fil-konfront tal-attur kienu seħħew wara li nbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni u separazzjoni ta' bejn il-partijiet fejn diġa' bdiet teskala l-pika ta' bejniethom, din il-Qorti ma tistgħax tibbaza d-deċizjoni tagħha fuq tali mġieba għaliex ma kienetx ir-raġuni prinċipali għaliex iz-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-attur kif irrappurtat f'din is-sentenza, b'mod speċifiku r-relazzjoni adultera li kellu ma' S P, irrendiet il-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli u l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita liż-żewġ partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lil attur ħati ta' adulterju u inġurji gravi, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija ta' eċċessi da parti l-istess attur fil-konfront tal-konvenuta stante li din ma ġietx minimament ippruvata. Min-naħa l-oħra, l-Qorti ssib lil konvenuta ħatja ta' adulterju, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija ta' sevizzi, theddid, eċċessi u inġurji gravi. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur għandu jkun ħati tal-firda mill-1 ta' Frar 2008 u ċjoe' meta nbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni, filwaqt li l-konvenuta għandha tkun ħatja tal-firda mill-1 ta' Jannar 2009 u ċjoe' s-sena li fiha bdiet ir-relazzjoni extra-matrimonjali ma' J Q.

## 2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 u 49 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 49 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward il-Qorti tissottolineja li t-talba kif dedotta mill-attur abbazi tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex viabbli stante li dan l-artikolu tal-liġi ġie mħassar bl-Att Numru XXI tal-1993. Min-naħa tagħha, il-konvenuta

tgħid illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw fil-konfront tal-attur.

Il-firda personali motivata mill-adulterju, bħalma huwa l-każ odjern, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

***"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*** [25]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

Fil-każ odjern, il-partijiet huma t-tnejn ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin. Għaldaqstant, la darba l-Qorti sabet il-ħtija tal-adulterju, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attur u tal-konvenuta f'dan ir-rigward.

## 3. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

[25] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' L B u M B. Il-Qorti tirrileva li ġie fl-atti tal-kawza ġie preżentat biss l-Att tat-Twelid ta' M B u abbazi tal-istess Att tat-Twelid jirriżulta li l-istess wild għadu minorenni u għandu ħmistax-il (15) sena. Min-naħa l-oġra u fir-rigward ta' L B, minkejja li ma ġiex esebit l-Att tat-Twelid tagħha, mill-premessi tar-rikors ġuramentat jirriżulta li din hija madwar erba' (4) snin akbar minn ħuha u għalhekk għandha madwar dsatax-il (19) sena. Għaldaqstant L B fil-prezent hija maġġorrenni.

Fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment għall-ulied il-partijiet, il-Qorti tinnota li:

a. Permezz tad-**digriet datat 11 ta' Jannar 2014**,[26] il-Qorti ordnat u dan wara li evalwat ir-rapport tas-*social worker* Denise Portelli ta' nhar id-9 ta' Jannar 2014 *"li l-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta bejn il-ġenituri, dwar l-aċċess, tordna li alternattivament, l-aċċess għall-minuri mill-missier ikun nhar ta' Tlieta mill-4:00pm sat-8:00pm u nhar ta' Ħamis il-minuri jmorru għand il-missier fil-5:00pm u jorqdu hemm. Il-Ġimgħa l-missier iwassalhom l-iskola jew għall-privat u l-omm tara li t-tfal jieħdu l-uniformi magħhom. Is-Sibt il-missier ikollu aċċess mis-6:00pm sal-għada l-Ħadd fis-7:00pm. Il-ġimgħa ta' wara, it-tfal jaraw lill-missier mill-Erbgħa fil-5:00pm sal-Ħamis filgħodu u l-Ġimgħa mill-4:00pm sas-Sibt fis-7:00pm. Fil-btajjel tal-Milied, l-Għid u s-Sajf, il-minuri iqattgħu tlett ijiem mal-missier u tlieta mal-omm, skond kif jixtiequ huma. Il-Handover tat-tfal tkun fis-7:30pm. F'jum l-omm, it-tfal ikunu mal-omm u jekk ikunu mal-missier, l-aċċess jintemm fl-10:00am l-istess jgħodd għal Jum il-Missier. Il-missier jara lit-tfal mill-10:00am sas-6:00pm. Il-minuri iqattgħu l-ħin mal-missier mill-10:00am sal-5:00pm u l-Ewwel tas-Sena mal-omm mil-10:00am sal-5.30pm u s-sena ta' wara bl-invers".*

b. Permezz tad-**digriet datat 21 ta' Jannar 2010**,[27] il-Qorti ordnat lill-attur sabiex iħallas is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) bħala manteniment għall-minuri, liema manteniment beda jitnaqqas b'mod

[26] Fol. 371.
[27] Fol. 80.

direttament mill-introjtu tal-attur u dan permezz tad-**digriet datat 16 ta' Jannar 2015**;[28]

Għaldaqstant għal dawn l-aħħar snin, il-kura u kustodja kienet tinsab konġunta bejn il-partijiet, fejn l-ulied kienu qegħdin jgħixu mal-omm b'dana illi l-missier kellu aċċess adegwat għal uliedu. Barra minn hekk u sa mill-2010 l-attur kien ordnat li jħallas lill-intimata s-somma ta' €300 fix-xahar għal uliedu.

### *3.1. <u>Il-Kura, Kustodja u Aċċess tal-Ulied</u>*

Fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota illi l-partijiet jiddikjaraw li l-kura u kustodja ta' uliedhom m'għandhiex tibqa' konġunta bejniethom, izda fil-fehma tal-omm, din għandha tkun assenjata lilha, filwaqt li fil-fehma tal-missier, din għandha tkun assenjata lilu.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[29]** intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[30]**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze*

[28] Fol. 453.
[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[31] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[32] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*.

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances B vs. Duncan Caruana**[33] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[34] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet fil-maġġor parti tagħha fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Il-Qorti evalwat in-nota tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea[35] u kif ukoll ir-rapport tas-*social worker* Denise Portelli,[36] fejn it-tfal jidhru li għandhom relazzjoni tajba maz-zewġ partijiet b'mod ugwali. Barra minn hekk il-Qorti tevalwa ukoll illi wara d-digriet tagħha ta' nhar il-11 ta' Jannar 2014 rigward il-kura, kustodja u aċċess tal-minuri, il-partijiet ma pprezentaw l-ebda rikors sabiex tali digriet jiġi varjat *pendente lite* bl-intiza li tiġi fdata unikament u esklussivament lil xi parti minnhom stante xi preġudizzju li qiegħed jinħoloq fil-konfront tal-minuri.

---

[31] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[33] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[34] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[35] Fol. 265.
[36] Fol. 357.

Fid-data tal-preżentata tal-kawża, u ċjoe' fid-29 ta' Jannar 2009, L B kellha seba' (7) snin. Għalhekk jirriżulta illi fid-data preżenti hija għandha bejn it-tmintax (18) u d-dsatax-il (19) sena u b'hekk laħqet l-eta` maġġorenni. Għaldaqstant m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tagħha u għalhekk ser tkun qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fir-rigward il-kura u kustodja ta' L B.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' M B, fil-prezent dan għadu minorenni stante li għad għandu ħmistax-il (15) sena u għadu taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilu għal sitt snin taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tiegħu, fejn ordinarjament jgħix ma' ommu filwaqt li għandu aċċess adegwat ma' missieru, il-Qorti tinsab konvinta li M B daħal f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifsu. Il-partijiet baqgħu jinsistu tul il-proċeduri li l-kura u kustudja tal-minuri m'għandhiex tibqa' vestita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet u dan stante l-allegat nuqqas ta' trobbija sew miz-zewġ naħat. Fil-fatt l-attur jikkontendi li l-intimata ma tieħux ħsieb sew lill-ulied u dan minħabba l-ħruġ tagħha u l-ħinijiet twal li kienet tagħmel barra bit-tfal stess sa tard bil-lejl. Prova ta' dan hemm diversi rikors li ġew intavolati u kif ukoll in-nota tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, abbazi ta' liema nota din il-Qorti ordnat permezz ta' digriet ta' nhar il-25 ta' Novembru 2011 sabiex it-tfal ma jkunux fil-prezenza ta' terzi persuni tas-sess oppost u ma jdumux barra sa tard bil-lejl.[37] Min-naħa l-oħra l-konvenuta ma ġġib l-ebda prova inekwivoka li turi li l-attur mhux idoneju sabiex ikun parti ċentrali fil-ħajja tal-minuri. Il-Qorti hija konsapevoli tas-sentenzi kriminali li hemm kontra l-attur, madanakollu ebda minn dawn is-sentenzi ma jagħtu ħjiel li dan qatt kien vjolenti fil-konfront ta' uliedu jew li ma jimxix bil-*bonus paterfamilias*. Barra minn hekk il-Qorti tirrileva li meta l-ulied tkellmu mal-Avukat tat-Tfal u s-*social worker* dejjem kienu konsisteni dwar ir-relazzjoni tagħhom ma' missierhom.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tirrileva li għalkemm l-attur dejjem kellu aċċess għal uliedu, mir-rikors ġuramentat u mit-talba rikonvenzjonali ma jirrizultax li l-partijiet għamlu talba speċifika sabiex l-attur ikollu aċċess adegwat versu uliedu. Madanakollu u dan abbazi tar-rakkomondazzjoni tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, is-*Social Worker* Denise Portelli u

[37] Fol. 264.

x-xewqa ta' M B, il-Qorti ma tistgħax tinjora l-fatt li l-minuri għandu d-dritt li jgawdi lil missieru daqskemm igawdi lil ommu. Minkejja l-pika u r-rabja li tezisti fil-partijiet fil-proċeduri ta' separazzjoni, Il-Qorti ma taċċetta bl-ebda mod li l-minuri jkunu mċaħda mill-ġenituri tagħhom. Il-fatt li jkun hemm disgwid bejn zewġ partijiet ma għandux ifisser li l-minuri jintuzaw għal skopijiet ulterjuri, izda għandhom jitrabbew f'għozza u mħabba, b'mod partikolari f'tali perjodu tal-firda personali. Il-Qorti ma tixba' qatt tisħaq illi l-ulied m'għandhomx jisfaw il-vittmi f'dan il-proċess tant delikat u l-interessi supremi tagħhom għandhom dejjem jiġu meqjusa. Għaldaqstant fil-kaz odjern, il-missier għandu jkollu d-dritt li jgawdi lil ibnu u jkun parteċipi f'ħajtu, u dan speċjalment meta l-minuri stess jagħmilha ċara li għandu relazzjoni tajba ma' missieru u jixtieq iqatta' ħin miegħu. Minkejja l-fatt li l-partijiet ma għamlux talba speċifika fir-rigward tal-aċċess tal-missier versu uliedu, il-Qorti u dan bis-setgħa mogħtija lilha permezz tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-missier għandu jibqa' jkollu aċċess versu ibnu skont kif iddikjarat fid-digriet ta' din il-Qorti ta' nhar il-11 ta' Jannar 2014, hekk kif irrakkomandat mis-*social worker* Denise Portelli fir-rapport tagħha ta' nhar id-9 ta' Jannar 2014.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi għandha tiddisturba r-rutina tal-minuri, u dan tenut kont tan-nuqqas ta' provi suffiċċjenti li jistabbilixxu li l-ħajja li għix u għadu qiegħed jgħix l-minuri taħt dik l-ordni mogħtija mill-Qorti fil-11 ta' Jannar 2014 hija waħda li kienet u/jew qiegħda tippreġudikalu d-drittijiet tiegħu. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma illi jkun idoneju u fl-aħjar interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dan illi l-missier jibqagħlu d-dritt għall-aċċess għall-ibnu skont kif regolat fid-digriet tal-11 ta' Jannar 2014. Il-Qorti tordna ukoll li dawk id-deċizjonijiet ordinarji ta' kuljum rigward il-minuri għandhom jittiehdu minn dik il-parti li magħha/miegħu jkun imisshom jirrisjedu l-minuri, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet ta' natura importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod konġuntiv.

### *3.2. Manteniment lil Minuri mill-Partijiet*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu***

***ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew***

***minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-attur A B jaħdem mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura fuq bazi *full-time*, fejn skont l-aħħar *payslip* esebita jidher li f'Ottubru tal-2016 kellu introjtu nett ta' €1,183.38.[38] Naturalment dan l-introjtu kompla jizdied kull sena u b'hekk il-Qorti tinsab ċerta li l-introjtu nett li l-attur għandu fil-prezent huwa iktar minn dak li kellu fl-2016. Min-naħa l-oħra l-intimata ma taħdimx minħabba li tallega li tbati minn dizabilita' li allegatament ikkaġunalha zewġha stess.

Il-Qorti tevalwa li permezz ta' digriet datat 21 ta' Jannar 2010, l-attur kien ordnat iħallas is-somma ta' €300 bħala manteniment għal uliedu, fejn kull wild kien qiegħed jirċievi s-somma ta' €150 fix-xahar. Il-Qorti hija konsapevoli tad-dejn li għandhom il-partijiet, madanakollu taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Perit Legali li kull wild għandu jingħata manteniment ta' €200 fix-xahar u dan oltre nofs l-ispejjez rigward is-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti tissottolineja illi ġialadarba L B hija maġġorenni u ma tresqet l-ebda prova li din għadha qiegħda tistudja fuq bazi *full time*, il-Qorti m'għandhiex il-fakolta' li tordna lill-attur sabiex jibqa' jħallas il-manteniment versu l-istess bintu L B.

[38] Fol. 1674.

In vista tas-suespost, il-Qorti tordna lil attur u dan ġialadarba l-minuri M Micallef ser ikompli jabita ma' ommu, iħallas lil konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal M B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-konvenuta għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri jagħżel li jmur igħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

### 4. Manteniment lill-Konvenuta:

Fil-kontrotalba tagħha l-konvenuta titlob sabiex tingħata manteniment xieraq minn għand l-attur. Il-Qorti tevalwa illi fil-mori tal-kawza odjerna, l-intimata intavolat rikors sabiex *pendente lite* l-attur jiġi ordnat iħallasha manteniment għaliha nnifisha b'dana illi permezz ta' digriet datat il-21 ta' Jannar 2010,[39] din l-Onorabbli Qorti laqgħat it-talba tal-konvenuta u ordnat lill-attur sabiex *pendente lite* jgħaddi lil martu is-somma ta' €200 kull 4 ġimgħat bħala mateniment għaliha. Wara tali digriet, l-attur intavola numru ta' rikorsi fejn talab lil Qorti sabiex tirrevoka l-ordni tagħha u tneħħi l-manteniment lill-konvenuta filwaqt li tagħtiha terminu sabiex issib impjieg jew *se mai* li tali manteniment jitnaqqas. Minkejja tali sforzi da parti l-attur, il-Qorti dejjem ċaħdet it-talbiet kif dedotti u l-attur baqa' jissupplixxi lil konvenuta bil-manteniment.

[39] Ara a fol 80 tal-proċess

Madanakollu u wara li ġew kkunsidrati l-atti ta' din il-kawza, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar it-tifrik taz-zwieġ ta' bejn il-partijiet, u l-allegata dizabilita' da parti l-konvenuta, il-Qorti tirrileva li l-konvenuta m'għandhiex tkun intitolata għall-manteniment minn għand l-attur u dan għas-segwenti raġunijiet.

Fl-ewwel lok jingħad illi ġialadarba l-Qorti sabet lill-konvenuta ħatja ta' adulterju għat-tifrik taz-zwieġ b'mod konġunt mal-attur, hekk kif ġie spjegat fil-parti rigward is-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrepeti li ma kellha l-ebda għazla ħlief li tapplika dawn is-sanzjonijiet fil-konfront tal-konvenuta fl-intier tagħhom, inkluz id-dekadenza tad-dritt tal-konvenuta li titlob jew li jkollha l-jedd għall-manteniment minn għand l-attur.

Fit-tieni lok il-Qorti tistabbilixxi ukoll illi <u>*kieku għal grazzja tal-argument*</u> l-konvenuta ma kienetx ħatja għat-tifrik taz-zwieġ, naturalment il-Qorti ma kienetx tapplika fil-konfront tagħha s-sanzjonijiet kollha kif ikkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk il-konvenuta kien ikollha d-dritt li titlob il-manteniment min għand l-attur. Madanakollu f'tali ipotesi, il-Qorti xorta waħda ma kienetx kieku ser tgħaddi sabiex tifissa manteniment lil konvenuta fil-prezent u dan mingħajr ebda preġudizzju għad-dritt tal-konvenuta li ipotetikament titlob manteniment fil-futur minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti tirrileva li għalkemm l-konvenuta tallega dizabilita' li skontha ġiet ikkaġunata minn zewġha stess, il-Qorti ma hijiex konvinta li dan huwa minnu stante li l-provi prodotti mill-konvenuta ma humiex sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li sabiex il-konvenuta tikkorrabora d-dizabilita' allegata minnha tressaq bħala prova: (i) ċertifikat mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja li jiċċertifikaw li l-konvenuta kellha ġrieħi ta' natura ħafifa wara ġlieda li kellhom il-partijiet fl-20 ta' Novembru 2008,[40] (ii) appuntament mill-iSptar Mater Dei,[41] (iii) kopja tar-rapport maħruġ mill-iSptar Mater Dei rigward il-*MR Spine Lumbar Sacral*,[42] (iv) karta tal-parkeġġ għall-Persuni b'Dizabilita' valida sas-sena 2013,[43] u (v) karta maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' valida

---

[40] Fol. 1688, 1689, 1690.
[41] Fol. 1691.
[42] Fol. 1694.
[43] Fol. 1695.

sas-sena 2021.[44] Minkejja li uħud minn dawn id-dokumenti jagħtu ħjiel li l-konvenuta jista' jagħti l-kaz li għandha problema ta' saħħa, madanakollu l-Qorti ma ġietx ipprezentata b'rapporti b'indikazzjoni tal-presentaġġ ta' dizabilita' li għandha l-konvenuta, jew xiehda ta' professur sabiex jikkonstata dwar kemm hi severa *o meno* d-dizabilita' in kwistjoni u kif ukoll dwar l-impossibilita' tal-konvenuta li taħdem. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni ukoll illi l-konvenuta lanqas ma pproduċiet xhieda mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali sabiex tikkonferma jekk hux qiegħda tipperċepixxi minn xi Għajnuna għal Mard jew tal-inqas sabiex jiġi kkonfermat jekk hijiex eleġibbli għal xi għajnuna jew assistenza skont l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta). Magħdud ma' dan, huwa ukoll minnu li ġie stabbilit li l-konvenuta kienet ukoll tgħin lill-attur fix-xogħol tiegħu tal-*airconditions*. Għaldaqstant il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-konvenuta ma hijiex f'pozizzjoni li taħdem u l-kwistjoni tal-eta' tas-sinjura ma hijiex skuza viabbli għaliex jekk wieħed jimpenja ruħu verament sabiex isib xogħol, dan isib xogħol zgur.

Għaldaqstant u tenut kont tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-attur sabiex jieqaf iforni lil konvenuta l-manteniment mensili u dan għaliex tilfet id-dritt għall-istess manteniment stante adulterju da parti tagħha.

## 5. It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar is-7 ta' Mejju 1995, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### *5.1. Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

### *5.2. Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Beni Parafernali u mill-Komunjoni tal-Akkwisti*

[44] Fol. 1695.

Il-<u>beni parafernali</u> tal-partijiet huma s-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali bl-isem *xxxxx* li tinsab fi xxxxxxxx tappartjeni lil attur. Il-Qorti tissottolineja illi l-art li fuqha mibnija d-dar matrimonjali ġiet akkwistata mill-attur permezz ta' zewġ kuntratti minn għand oħtu u minn għand il-ġenituri tiegħu.[45] Barra minn hekk l-attur jiċċara illi l-ispejjez relatati mal-binja tal-art intefqet mill-attur waħdu fejn ħareġ l-ispiza ta' €16,310 f'ġebel u konkos, u kif ukoll spejjez oħra relatati ma' dawl, ilma u tibjid. Min-naħa l-oħra l-konvenuta ma tikkontestax tali verzjoni, tant li fl-affidavit tagħha filwaqt li telenka dak kollu li sar fiz-zwieġ, il-Qorti tosserva li din bl-ebda mod ma tagħmel referenza għad-dar matrimonjali izda sempliċiment tirrileva li *"hawn li hawn fuq l-art jiswa ghax hawn kollu green area, u jien thabbat ghal permessi"*.

2. L-ammont ta' €11,650 li nefqet il-konvenuta fi spejjez relatati mal-mobbli ġewwa d-dar matrimonjali.[46]

L-<u>assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti</u> huma s-segwenti:

1. Il-mobbli kollha fid-dar matrimonjali u dan eskluz il-madum (€3,728), il-kamra tal-banju u shower (€3,262), aluminium tat-twieqi (€2,097), il-bibien ta' barra (€699), u l-għamara tal-kamra tas-sodda matrimonjali (€1,864).

2. Zewġ (2) vetturi u ċjoe' l-vannijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBC 871 u EAG 921, rispettivament, tal-valur kumplessiv ta' €9,320;

3. Polza t'assigurazzjoni mal-Middlesea Insurance bin-numru 48223;

4. Il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni MUM 109 li għalkemm hija reġistrata fuq terz, mill-provi u mid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta li verament din inxtrat mill-partijiet u għalhekk għal finijiet ta' qasma u likwidazzjoni (kwantu għall-ammont) dan għandu

---

[45] Ara l-kuntratti datati 17 ta' Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Isabelle Gonzi, a fol 31 u 481 tal-proċess.
[46] Skont id-dikjarazzjoni tal-attur fl-affidavit tiegħu a fol 28 u 29.

jittieħed in konsiderazzjoni u jifforma parti mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Il-kontijiet bankarji f'isem l-attur ġialadarba ma nġabet l-ebda prova li l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji ġejjin minn sorsi parafernali, liema kontijiet bankarji għandhom in-numru:
   a. 11102034015 mal-Bank of Valletta plc;[47]
   b. 40015730215 mal-Bank of Valletta plc.[48]

6. Il-kontijiet bankarji f'isem l-attur ġialadarba ma nġabet l-ebda prova li l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji ġejjin minn sorsi parafernali, liema kontijiet bankarji għandhom in-numru:
   a. 12100651046 mal-Bank of Valletta plc;[49]
   b. 40017174921 mal-Bank of Valletta plc.[50]

7. Zewġ kontijiet bankarji f'isem il-partijiet b'mod konġunt li għandhom zbilanċ:
   a. 40012489750 mal-Bank of Valletta plc, li huwa ndikat bħala *Buisness Loan Account*;[51]
   b. 40015552309 mal-Bank of Valletta plc, li huwa ndikat bħala *Business Loan Account*.[52]

8. Il-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal minuri:
   a. 40014090639 mal-Bank of Valletta plc, intiz għal L B;[53]
   b. 40016431610 mal-Bank of Valletta plc, intiz għal L B;[54]
   c. 40016431704 mal-Bank of Valletta plc, intiz għal M B.[55]

9. Il-kumpanija Kool Air Systems Limited bin-numru C17877.[56]

---

[47] Fol. 170-177.
[48] Fol. 178-191.
[49] Fol. 192.
[50] Fol. 196-199.
[51] Fol. 200-201.
[52] Fol. 202-2013.
[53] Fol. 193.
[54] Fol. 194.
[55] Fol. 195.
[56] Fol. 229.

Id-debitu tal-partijiet li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti huwa s-segwenti:

1. Dejn relattiv mal-kumpanija *Kool Air Systems Limited* fl-ammont ta' €173,752.83 li pero' l-partijiet ġew dikjarati debituri *in solidum* mal-istess kumpanija versu l-Bank of Valletta Plc hekk kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta Plc vs Kool Air Systems Limited u A u Rose miżżewġin B** ta' nhar it-8 ta' Novembru 2011;[57]

2. Dejn fl-ammont ta' €125,646.54 bl-interessi abbażi ta' sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta Plc vs A u Mary Rose sive C miżżewġin B** datata d-9 ta' Lulju 2012;[58]

3. Dejn mal-ARMS relatat mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali;

4. Dejn mal-kumpanija GO, li dwaru nfetħu proċeduri ċivili;

5. Dejn mal-MFSA bħala penali relatati mal-kumpanija *Kool Air Systems Limited.*[59]

Mill-atti proċesswali jirrizulta illi d-dar li fiha stabilixxew il-familja tagħhom il-partijiet sal-prezent għadha tikkostitwixxi d-dar matrimonjali, u dan minkejja li tali fond hija parafernali tal-attur. Barra minn hekk, jidher illi l-attur ġie mitlub jillontana ruħu mid-dar matrimonjali u dan minħabba proċeduri kriminali, filwaqt li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u bdiet tgħammar ġewwa Antlou Court, Flat 1, Triq K Grima, Zejtun. Magħdud ma' dan, il-Qorti tosserva ukoll li fl-affidavit tiegħu l-attur jipproponi li l-kumpanija Kool Air Limited għandha tiġi assenjata lilu u *di piu'* jassumi ukoll id-dejn li hemm fuq l-istess soċjeta'.[60]

---

[57] Fol. 500.
[58] Fol. 503.
[59] Ara x-xhieda ta' Jean Karl Portelli bħala rappreżentant tal-MFSA[59] li jgħid li sal-10 t'Ottubru 2011 fuq is-soċjeta' Kool Air Systems Limited kien hemm penali u miżati għall-*annual returns u accounts* fl-ammont ta' €3776.61
[60] Fol. 21.

## 5.3. *Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u Assenjazzjoni tal-Porzjonijiet*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha u tas-suġġerimenti tal-Perit Legali fir-rigward tad-divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet lil partijiet, hija waslet għal konkluzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi diviza bejn il-partijiet u assenjata f'porzjonijiet lilhom skont is-segwenti:

Porzjon Assenjat lil A B:

1. Nofs il-valur tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali (ad eċċezzjoni tal-valur tal-madum, l-aluminium, il-kmamar tal-banju u l-bieb ta' barra li huma fattwalment mobbli li tħallsu mill-intimata u li għalhekk, il-valur tagħhom ser jiġi assenjat lill-istess intimata);

2. Nofs mir-rikavat tal-polza t'assigurazzjoni mal-Middlesea Insurance;

3. Il-vannijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBC 871 u EAG 921;

4. L-ishma kollha tal-kumpanija Kool Air Systems Limited, inkluz dawk tal-intimata biex b'hekk il-kumpanija tkun tappartjeni esklussivament lir-rikorrent, b'dana illi l-memorandum u l-istatut tal-kumpanija għandhom jinbidlu fis-sens li l-intimata ma jkollhiex iktar irwol fl-istess kumpanija;

5. Kull kont bankarju intestat f'isem l-attur f'ismu, ad eskluzjoni ta' dawk li huma relatati jew abbinati mal-minuri;

6. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri M B, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b'dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Filwaqt li l-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal L B għandhom jinqalbu direttament fuq isimha;

7. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt f'isem il-partijiet, liema ammont jikkostitwixxi dejn;

8. Nofs id-dejn kollu relattiv mal-kumpanija GO;

9. L-arretrati u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti lil ARMS Limited sad-data tas-sentenza għandhom jitħallsu esklussivament mir-rikorrent;

10. Id-dejn kollu relattiv mal-istess imsemmija kumpanija Kool Air Systems Limited inkluż dak tal-MFSA u d-dejn relattiv tas-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta Plc vs Kool Air Systems Limited u A u Rose miżżewġin B** (Rikors Ġuramentat Numru 430/11 MCH) datata t-8 ta' Novembru 2011;

11. Nofs id-dejn relattiv mal-Bank of Valletta Plc skont is-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta Plc vs A u Mary Rose sive C miżżewġin B** (33/2012AE) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju 2012[61] u li permezz tagħha ġie dikjarat li l-partijiet *in solidum* bejniethom huma debituri tal-Bank attur fl-ammont ta' €125,646.54 bl-imgħax kif mitluba;

12. Is-somma ta' €11,650 lil C B rapprezentanti l-kreditu tal-intimata fuq l-ammont li nefqet għall-madum, aluminium, kmamar tal-banju, għamra tal-kamra matrimonjali u bieb ta' barra;

13. Is-somma ta' €3,144.65 li tirrappreżenta nofs l-ammont ta' €6,289.30 (LM2,700) li ġiet imħallsa biex inxtrat il-vettura f'isem terz bir-reġistrazzjoni MUM 109.

<u>Porzjoni Assenjat lil C Farugia:</u>

1. Nofs il-valur tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali (ad eċċezzjoni tal-valur tal-madum, l-aluminium, il-kmamar tal-banju u l-bieb ta' barra li huma fattwalment mobbli li tħallsu mill-intimata stess);

2. Nofs mir-rikavat tal-polza t'assigurazzjoni mal-Middlesea Insurance;

---

[61] Ara a fol 503 tal-proċess

3. Is-somma ta' €4,660 rapprezentanti sehemha mill-vannijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBC 871 u EAG 921;

4. Is-somma ta' €11,650 rapprezentanti l-kreditu tal-intimata fuq l-ammont li nefqet għall-madum, aluminium, kmamar tal-banju, għamra tal-kamra matrimonjali u bieb ta' barra;

5. Kull kont bankarju intestat f'isem l-konvenuta f'isimha, ad eskluzjoni ta' dawk li huma relatati jew abbinati mal-minuri;

6. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri M B, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru both signatories għalihom b'dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Filwaqt li l-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal L B għandhom jinqalbu direttament fuq isimha;

7. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt f'isem il-partijiet, liema ammont jikkostitwixxi dejn;

8. Nofs id-dejn kollu relattiv mal-kumpanija GO;

9. Nofs id-dejn relattiv mal-Bank of Valletta Plc skont is-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta Plc vs A u Mary Rose sive C miżżewġin B** (33/2012AE) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju 2012 u li permezz tagħha ġie dikjarat li l-partijiet *in solidum* bejniethom huma debituri tal-Bank attur fl-ammont ta' €125,646.54 bl-imgħax kif mitluba;

10. Is-somma ta' €3,144.65 lil A B li tirrappreżenta nofs l-ammont ta' €6,289.30 (LM2700) li ġiet imħallsa biex inxtrat il-vettura f'isem terz bir-reġistrazzjoni MUM 109;

Il-Qorti osservat is-suġġeriment tal-Perit Legali u ċjoe' *"L-esponenti, abbażi tad-dejn kbir li hija mifnija bih il-komunjoni tal-akkwisti, liema dejn fil-maġġor parti tiegħu huwa dejn li miegħu hemm titolu eżekuttiv fuq l-ammont dovut u hemm l-interessi legali li qed jakkumulaw, l-esponenti tħoss li l-unika soluzzjoni hi li tinbiegħ id-dar matrimonjali fis-suq miftuħ*

*bil-għan li jiġi sodisfatt tali dejn. Fiċ-ċirkustanzi, l-esponenti umilment tirrileva li l-unika alternattiva għall-bejgħ tkun il-liċitazzjoni li naturalment m'hijiex ta' vantaġġ għall-partijiet. Għalhekk, tali proprjeta' immobbli għandha tinbiegħ fis-suq miftuħ b'dan li l-partijiet għandhom jippruvaw jaqblu dwar il-prezz u l-valutazzjoni tal-istess dar u jkun fin-nuqqas ta' tali qbil li għandu jitqabbad Perit sabiex jagħti stima u valutazzjoni tal-istess dar u dan bi spejjeż ugwali bejn il-partijiet"*. Il-Qorti pjenament taqbel mal-Perit Legali li l-komunjoni tal-akkwisti hija mifnija mid-dejn u li tali dejn sar minħabba n-negozju tal-partijiet li kien f'isimhom it-tnejn. Għalkemm il-konvenuta tiddikjara li fl-affidavit tagħha li *"mill-kumapnija ma naf xejn, naf li kull gimgha kien jidhol kontejner ikun ga mibjugh. Jien tgidx kemm kont inbiegh, imma l-flus ma nafx x'sar minnhom"*, il-Qorti tirribadixxi illi tali raġunament ma jezonerax lill-intimata mill-obbligi tagħha versu l-kumpanija. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mafimex Limited (C7396) vs Saviour Muscat et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-20 ta' Marzu 2019, fejn ingħad illi anke jekk waħda mill-partijiet miz-zwieġ ma jkollha xejn x'taqsam man-negozju, din ukoll għandha tkun responsabbli għad-dejn tal-kumonaija jekk ikun qiegħed jadopera r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti: *"Fil-kawża tal-lum ma jiswa xejn li l-attriċi ma kellhiex x"taqsam man-negozju. Wara kollox, hija kienet taf illi l-konvenut kien qieghed jiggestixxi negozju filwaqt illi l-komunjoni tal-akkwisti kienet għadha qed topera bejniethom. Il-fatt illi hi ma kellhiex x"taqsam man-negozju ma jfissirx illi d-dejn in kwistjoni mhuwiex piż fuq il-komunjoni, u issa li ġiet xolta, piż fuq l-assi taż-żewġ konvenuti individwalment"*. Għaldaqstant il-Qorti tkompli billi tisħaq illi fil-kaz odjern l-konvenuta kienet konsapevoli tar-responsabbiltajiet tagħha u dan meta hi stess kienet involuta fit-twaqqif u l-ġestjoni tal-istess kumpanija. Huwa inutli li f'dan l-istadju l-konvenuta tiddikjara li ma kienet taf xejn rigward il-kumpanija.

In vista tal-premess, il-Qorti ma taqbilx li sabiex jitħallas dan id-dejn taz-zewġ partijiet li sar fiz-zwieġ, din għandha tobbliga lill-attur ibiegħ id-dar parafernali tiegħu. F'dan l-istadju li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta, il-Qorti tordna lil kull parti sabiex terfa' r-responsabbilita' tiegħu jew tagħha bil-mod kif jidrilhom xieraq fiċ-ċirkostanzi, u in vista tal-fatt li z-zwieġ tal-partijiet tkisser *primarjament* minħabba adulterju da parti l-attur u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-attur fl-affidavit tiegħu, il-Qorti kompliet sabiex għaddiet

lill-attur piz ikbar minn dak tal-intimata. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax li n-negozju tal-partijiet ġie traskurat ferm matul il-proċeduri odjerni u dan probabilment sforz il-pika taz-zewġ partijiet. Tali pika jekk xejn kompliet issarraf f'dannu ikbar għall-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu tali traskuraġni ma tistgħax jiġi attribwita biss lill-attur, izda anke lil konvenuta. It-tnejn kellhom l-obbligu li jħallsu dan id-dejn, anke jekk bil-ftit izda t-tnejn għazlu li jagħmlu ta' rashom u jinjoraw l-obbligi tagħhom, liema atitudni ma tirrispekja xejn sabiħ fuq il-partijiet.

### 6. Il-Beni Parafernali

Il-Qorti tinnota li l-attur ddikjara li d-dar xxxxxx tappartjeni lil attur. Il-Qorti tinsab sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li din id-dar verament hija parafernali tal-attur u dan in vista tal-fatt li fl-atti proċesswali ġew ezebiti zewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi li jistabbilixxu li l-art li fuqha hi mibnija l-art tappartjeni lill attur, liema provi u verzjoni mhux qiegħda tiġi kontradetta mill-intimata. Barra minn hekk, l-attur jiċċara illi l-ispejjez relatati mal-binja tal-art intefqet mill-attur waħdu fejn ħareġ l-ispiza ta' €16,310 f'ġebel u konkos, u kif ukoll spejjez oħra relatati ma' dawl, ilma u tibjid. Min-naħa l-oħra l-konvenuta lanqas ma tikkontesta tali verzjoni, tant li fl-affidavit tagħha ma tagħmel l-ebda referenza għall-fatt li din id-dar tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti izda tirrileva li *"hawn fuq l-art jiswa ghax hawn kollu green area, u jien thabbat ghal permessi".*

Dan il-fond serva bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet sa mid-data taz-zwieġ sal-jum li fih il-konvenuta telqet mill-istess dar sabiex tgħix f'appartament li kriet minn għand l-Awtorita' tad-Djar.[62] Madanakollu, permezz ta' din is-sentenza qiegħed jiġi ddikjarat li tali fond m'għadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet u *di piu'* jiġi ddikjarat li l-attur huwa l-uniku s-sid tal-fond *xxxxxxxxxx* stante li hija dar parafernali tiegħu u b'hekk din għandha tibqa' fil-pussess assoluta tiegħu.

### 7. Dwar id-Dar Matrimonjali:

[62] Fol. 508-515.

Huwa ppruvat permezz ta’ kuntratti pubbliċi u dikjarazzjonijiet ġuramentati mhux kontradetti, li d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ċjoe’ l-fond *xxxxxxxxxxx*, huwa proprjeta’ parafernali ta’ A B. Inoltre, il-Qorti tevalwa li l-konvenuta ilha tgħix barra mid-dar matrimonjali sa mis-sena 2013 u ma jidhirx li din reġgħet irritornat lura sabiex tgħix fl-istess dar matrimonjali. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi fond m’għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenuta illi tingħata d-dritt li tgħix ġewwa l-fond *xxxxxxxx*, stante li tali fond huwa parafernali tal-attur.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dana bi ħtijiet ta’ adulterju u inġurji gravi da parti l-attur, u ħtija ta’ adulterju da parti l-konvenuta, b’dana illi l-attur għandu jkun ħati tal-firda mill-1 ta’ Frar 2008 u ċjoe’ meta nbdew il-proċeduri ta’ medjazzjoni, filwaqt li l-konvenuta għandha tkun ħatja tal-firda mill-1 ta’ Jannar 2009 u ċjoe’ s-sena li fiha bdiet ir-relazzjoni extra-matrimonjali ma’ J Q;

2. Tilqa’ it-tieni talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenuta sabiex tgħix separatament mill-attur;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba attriċi fir-rigward ta’ L B stante li llum hija maġġorenni, filwaqt li tiċħad it-tieni talba attriċi fir-rigward ta’ M B u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri M B tkun fdata b’mod konġunt bejn il-partijiet, b’dana illi d-deċizjonijiet ordinarji ta’ kuljum rigward il-minuri għandhom jittiehdu minn dik il-parti li magħha/miegħu jkun imisshom jirrisjedu l-minuri, filwaqt li dawk id-

deċizjonijiet ta' natura importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod konġuntiv; tordna ukoll u dan in forza tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-aħjar interess suprem tal-minuri illi l-missier jibqagħlu d-dritt għall-aċċess għall-ibnu skont kif regolat fid-digriet tal-11 ta' Jannar 2014;

4. Tilqa' parzjalment it-tielet talba rikonvenzjonali fis-sens illi filwaqt li tiċħad li l-attur jivversa manteniment għall-konvenuta u għal bintu L B li llum hija maġġorenni, tordna lill-attur u dan ġialadarba l-minuri M Micallef ser ikompli jabita ma' ommu, iħallas lil konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal M B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel imur igħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax il-sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-konvenuta għan-nom tal-minuri;

5. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attriċi u kif ukoll il-ħames talba rikonvenzjonali, u xxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

6. Tilqa' il-ħames talba attriċi u dan skont il-provvedimenti tas-sitt parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'Il-Beni Parafernali'*;

7. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tassenja lill-partijiet sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti u l-beni parafernali skont il-ħames u s-sitt parti ta' din is-sentenza;

8. Tilqa' is-seba' talba attriċi u r-raba' talba rikonvenzjonali, u tapplika fil-konfront tal-partijiet is-sanzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

9. Tiċħad is-sitt talba rikonvenzjonali u ċjoe' li l-konvenuta tokkupa esklussivament id-dar *xxxxxxxxxxxxxxxxx* u dan ad eskluzjoni tal-attur.

Bl-ispejjez kollha tal-kawża għandhom ikunu sapportati żewġ terzi mill-attur u terz mill-konvenuta.